12 ta' Settembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Edward Borg Olivier pr. et ne.

*versus*

Onor. Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier, LL.D., M.L.A. et.

**Konsorzju — Lokazzjoni — Inkwilinat — Inibizzjoni — Żgumbrament — Mandat — Delegazzjoni — Interess — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 532 (1), 876 (1), u 1978 u 1959 (2) tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-mandatarju ma jistgħax, skond il-Liġi Maltija, iqabbad lil ħaddieħor minfloku, jekk ma tkunx ġiet mogħtija lilu s-setgħa għal daqshekk mill-mandant; però, din is-setgħa ta' delegazzjoni ma għandhiex bżonn tkun tahilfors espressa, u tista' tkun ukoll taċita, bħal ma jista' jkun taċitu l-mandat. U jekk il-fakoltà ta' delegazzjoni tiġi mogħtija fil-mori tal-kawża magħmula minn mandatarju delegat minn mandatarju ieħor li ma kellux is-setgħa jagħmel dik id-delegazzjoni, l-eċċezzjoni ta'*

*illeġittimità tal-persuna ta' dak il-mandatarju attur ma tibqgħax fondata; u jekk il-konvenut kien ġustifikat jossollevaha, ma kienx però ġustifikat jippersisti fiha.*

*Il-konsorti li jittrasferixxu lil konsorti ieħor is-sehem tagħhom indiviż ta' fond formanti parti minn wirt li għadu mhux likwidat, ma jistgħux jallegaw li ma għandhomx interess, jekk jiġu mħarrkin f'kawża fejn il-kwistjoni tkun dwar dak il-fond, għax ittrasferew sehemhom lil dak il-konsorti l-ieħor; għax dak it-trasferiment hu ta' natura kondizzjonali, u l-effett tat-trasferiment huwa limitat għal dak is-sehem li jmiss lilhom fil-qasma, u sa ma din issir huma jistgħu jkollhom interess.*

*Mandat ta' inibizzjoni ottenut minn komproprjetarju kontra komproprjetarju ieħor biex ma jkomplix jokkupa l-fond komuni, mhuwiex ekwipollenti għal mandat ta' żgumbrament ta' dak il-komproprjetarju mill-fond komuni; imma jimporta biss illi wieħed mill-konsorti ma għandux id-dritt juża l-fond kollu, jew parti minnu skond il-każ, ad esklużjoni tal-konsorti l-oħra.*

*Jekk il-fond komuni ma jkunx tali li jista' jiġi okkupat kontemporaneament mill-konsorti kollha skond ir-rispettivi kwoti tagħhom fil-konsorzju, dik l-okkupazzjoni mhix materjalment possibbli, apparti milli tista' tkun fonti ta' litiġi u kwereli kontinwi bejn il-konsorti; u allura s-soluzzjoni għall-aħjar godiment tal-fond skond id-dritt rispettiv tal-konsorti hija l-assenjazzjoni tal-godiment tal-fond biż-żmien in proporzjon tal-kwoti rispettivi tal-konsorti.*

*Il-mandat ta' inibizzjoni biex il-konsorti ma jkomplix jokkupa l-fond jista' joħroġ anki meta dak il-konsorti jkun fil-fatt qiegħed jokkupa dak l-istess fond. u l-mandat li jkun ħareġ bħala kawtelatorju, jistħoqqlu jiġi konfermat, u jsir eżekuttiv; imma in kwantu dak il-mandat ġie ottenut ukoll biex il-konsorti jiġi inibit milli jikri l-fond lill-barranin, l-istess inibizzjoni ma jistħoqqilhiex tiġi konfermata; għaliex il-kompossessur jista' dejjem jikri l-ħaġa komuni bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, jew anki mingħajr dik l-awtorizzazzjoni u mingħajr il-kunsens tal-konsorti l-oħra kollha, salv id-dritt ta' dawn li jaġixxu għall-annullament ta' dik il-lokazzjoni fi żmien xahrejn "a die scientiae".*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur proprio et nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress li l-kontendenti jippossjedu ndiviżament bejniethom diversi proprjetà, fosthom id-dar numru 27 (ġa 6 u 12) St. Paul-by-the-Sea Street, San Pawl il-Baħar, liema dar l-atturi għandhom dritt jokkupaw bħal ma għandhom il-konvenuti, u kif il-kontendenti okkupaw, prinċipalment fis-sajf, skond is-sehem li għandhom u/jew jirrappreżentaw; u peress li dis-sena l-konvenut Onorevoli Nutar Giorgio Borg Olivier, abużivament, mar jokkupa l-istess dar ad esklużjoni tal-kontendenti l-oħrajn, fosthom l-atturi, li jridu jmorru jokkupaw l-istess dar kif ġa għamlu snin oħrajn u għandhom dritt jagħmlu; u peress li l-istess konvenut Onorevoli Nutar Giorgio Borg Olivier qiegħed jirrifjuta li jasal fi ftehim dwar id-dgawdija tal-istess dar, u jista' jagħti l-każ li, biex jippriva lill-atturi milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom fuq imsemmi, huwa, bħala komproprjetarju, jipprova jikri l-istess dar lil ħadd ieħor; u peress li taħt iċ-ċirkustanzi premessi, u b'kawtela tad-drittijiet tagħhom, l-atturi talbu u ottenew il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-istess konvenut Onorevoli Nutar Giorgio Borg Olivier li jġib id-data tal-ewwel ta' Awissu 1957, biex dan jiġi miżmum milli jkompli jokkupa personalment il-fond fuq indikat ad esklużjoni tal-oħrajn, u milli jikri l-fond fuq indikat lil ħadd ieħor; u peress illi taħt iċ-ċirkustanzi premessi hemm ukoll lok li jiġi determinat mill-Qorti l-mod kif l-istess fond ikun amministrat u gawdut mill-komproprjetarji kollha, meħud in konsiderazzjoni ż-żmien li l-istess fond ġa ġie okkupat mill-konvenut Onorevoli Nutar Giorgio Borg Olivier; talab li jiġi minn din il-Qorti konfermat il-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi tal-ewwel ta' Awissu 1957, billi hekk il-konvenut Onor. Nutar Giorgio Borg Olivier jkun inibit milli ikompli jokkupa jew jerġa jokkupa l-fond nru. 27 (ġa 6 u 12) St. Paul-by-the-Sea Street, San Pawl il-Baħar, fuq ċitat, ad esklużjoni tal-atturi, u milli jikri l-istess fond lil ħadd ieħor; u din il-Qorti tagħti l-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa għall-amministrazzjoni u aħjar dgawdija tal-fond

komuni, inkluża l-okkupazzjoni tiegħu da parti tal-komproprjetarji skond id-drittijiet rispettivi tagħhom u skond iċ-ċirkustanzi tal-każ. Bl-ispejjeż tal-mandat fuq ċitat u tal-ewwel domanda kontra l-konvenut Onorevoli Nutar Giorgio Borg Olivier, u bl-ispejjeż tat-tieni domanda skond il-liġi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża u tal-mandat tal-inibizzjoni imsemmi jirriżultaw dawn il-fattijiet:—

1. Illi bejn il-kontendenti, bil-mewt tal-Avukat Dr. Enrico Borg Olivier, sorġiet komunjoni universali inċidentali tal-patrimonju li dak id-decujus ħalla, u f'din l-istess "communio incidens" hija mdaħħla wkoll, fost stabili oħra, id-dar nru. 27 (ġa 6 u 12) St. Paul-by-the-Sea Street, San Pawl il-Baħar;

2. Illi qabel dan is-sajf, bejn il-kontendenti, għall-godiment ta' dak l-istess fond kienu jsiru arranġamenti bejn il-komproprjetarji;

3. Illi fit-18 ta' Lulju 1957 il-konvenut Onorevoli Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier akkwista minn għand ħutu s-sehem tagħhom, u ġie għalhekk, bis-sehem tiegħu nkluż, jippossjedi tmien trediċeżimi (8/13) ndiviżi mid-dar in kwistjoni; u milli jidher, peress li kellu taħt idejh iċ-ċwievet tal-post, fit-22 ta' Lulju ta' din is-sena, minn jeddu, mar jabita l-post in kwistjoni;

4. Illi l-atturi, fuq l-aġir tal-konvenut fuq imsemmi, talbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ewwel ta' Awissu 1957, ħalli l-konvenut imsemmi jkun prekluż milli jkompli jokkupa jew jerġa jokkupa l-fond "de quo" ad esklużjoni tagħhom, u milli jikri l-istess post lil ħadd ieħor; u din il-

Qorti, diversament presjeduta, laqgħet it-talba tagħhom fit-12 ta' Awissu 1957;

5. Illi l-konvenut, fuq l-imsemmi att taċ-ċitazzjoni nru. 536/1957, promoss kontra l-atturi, talab, għar-raġunijiet hemm imsemmija, dikjarazzjoni li l-istess mandat kawtelatorju ġie maħruġ illegalment, u għalhekk l-istess huwa null u ta' ebda effett;

6. Illi in segwitu l-atturi odjerni, fid-19 ta' Awissu 1957, ippromovew il-kawża preżenti, li tikkomprendi żewġ talbiet kif jidher fuq;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut prinċipali f'din il-kawża, kif ukoll il-konvenut Robert Borg Olivier proprio et nomine, ġiebu l-quddiem eċċezzjoni preliminari fis-sens li l-attur Edward Borg Olivier, in kwantu ġie nominat biex jirrappreżenta n-neputijiet tiegħu, l-assenti Giulia mart Arcangelo Cocola u Angelo Gargialo, minn ħuħ l-assenti Arturo Borg Olivier, mhux persuna leġittima; l-għaliex l-istess ħuħ Arturo ma kellux fakoltà jiddelega lil ħadd ieħor f'loku, kif jidher mid-dok. "X";

Illi qabel xejn għandu jingħad illi, meta sar il-mandat tal-inibizzjoni, u l-istess ġie akkordat mill-Qorti, mill-attijiet tal-kawża (dok. A) u minn dawk wara l-istess mandat ta' inibizzjoni jidher li Arturo Borg Olivier kien għadu ma allontanax ruħu minn dawn il-Gżejjer; imma mhux negat li, meta ġiet promossa ċ-ċitazzjoni preżenti fid-19 ta' Awissu 1957, l-istess Arturo kien diġà telaq minn hawn;

Ikkunsidrat;

Illi l-liġi li għandha tirregola l-mandat bejn il-mandanti u l-mandatarju Arturo Borg Olivier hija l-liġi ta' Malta; l-

għaliex ir-rapport ġuridiku obligatorju bejniethom twieled f'din il-Gżira, u l-iskrittura kellha tiġi hawn eżegwita;

Illi skond il-liġi maltija, art. 1978 Kap. 23, il-mandatarju ma jistgħax iqabbad lil ħadd ieħor f'loku, jekk ma tkunx ġiet mogħtija lilu s-setgħa għal daqshekk mill-mandant;

Illi, però, l-artikolu fuq ċitat ma jeżiġix li dik is-setgħa ta' delegazzjoni għandha tkun tabilfors espressa; l-għaliex l-istess tista' tkun taċita; multo magis meta l-mandat jista' jiġi mogħti taċitament (ara art. 1959(2) Kap. 23; Troplong, Mandato, nru. 461; Prim'Awla Ċivili 10 ta' Jannar 1872 in re "Chapelle ne. vs. Dr. Fisico Michele Parnis et.");

Illi l-imsemmi Arturo Borg Olivier, li mid-dok. "X" ma jidherx li kellu s-setgħa li jiddelega "expressis", meta ħa parti fil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni fl-interess tal-mandanti tiegħu u ġie biex isiefer qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni fit-terminu legali ma setgħax ma jħossx li jassumi dak li għamel fl-interess tal-istess mandanti u li huma ma kienux sejrin jawtorizzawħ jagħmel fl-interess tagħhom kieku kienu jafu biċ-ċirkustanzi u din il-preżunzjoni, bażata fuq il-mandat taċitu, ġiet konfermata fil-kors tal-kawża l-għaliex il-mandanti tiegħu kkonfermaw id-delega li huwa kien per neċessità għamel fil-persuna ta' Edward Borg Olivier, kif jidher mid-dokument "A" eżibit wara n-nota tal-attur tad-29 ta' Awissu 1957;

Illi, kwindi, l-eċċezzjoni msemmija ma tistgħax tiġi milqugħa bil-favur;

Illi, però. dwar l-ispejjeż ta' din l-eċċezzjoni, jingħad li l-eċċipjenti kienu ġustifikati li jagħtuha, taħt iċ-ċirkustanzi tal-każ, imma mhux li jippersistu fiha; u kwindi huwa ġust li l-ispejjeż tagħha għandhom ikunu temperati, fissens li fil-konfront tal-attur proprio et nomine bħala rap-

preżentant ta' Arturo Borg Olivier u l-eċċipjenti l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa;

Ikkunsidrat;

Illi, dwar l-eċċezzjoni tal-konvenuti kollha ad eċċezzjoni tal-Onor. Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier u Mary Pace, fis-sens li huma ma għandhomx interess fil-kawża l-għaliex ittrasferew il-kwota tagħhom indiviża tal-fond imsemmi lill-istess Nutar, jingħad li dawk il-venditi u trasferimenti huma ta' natura kondizzjonali, skond ma hemm maħsub fl-art. 532(1) Kap. 23; u l-interess tagħhom dwar it-tieni talba jitnissel ċar u manifest. Huwa minnu li fir-rapport intern in-Nutar u ħutu, milli jidher mix-xhieda ta' x'uħud minnhom u mill-atteġġjament li ħadu fil-kawża, iridu li l-godiment jgħaddi fuq in-Nutar Borg Olivier; imma jibqa' dejjem minnu li l-effett tat-trasferiment huwa limitat għal dak is-sehem li lilhom imiss fil-qasma, u sa ma din issir huma jistgħu jkollhom interess;

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni ma tistgħax tiġi milqugħa, u konsegwentement għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi, dwar l-ulterjuri eċċezzjoni tal-konvenuti kollha barra minn Mary Pace, fis-sens li fil-fond imsemmi jinstabu mobbli u oġġetti komuni li huma ma jridux li jiġu wżati u gawduti minn xi komproprjetarju ad esklużjoni tagħhom, u talbu li jiġi ordnat li l-istess jiġu maħruġa mill-istess dar, it-tieni talba attriċi tirrigwarda provvedimenti dwar l-amministrazzjoni u regolament tal-godiment tal-fond imsemmi, u ebda menzjoni tal-mobilja ma saret fl-att taċ-ċitazzjoni; b'mod li din il-Qorti għandha tastjeni ruħha għall-istess talba;

Illi għalhekk tiddikjara li kwalunkwe oppożizzjoni u kull provvediment mitlub dwar l-istess mobbli joħorġu mit-

talba kif dedotta; bl-ispejjeż tad-dikjarazzjoni għall-eċċipjenti; u b'hekk tiddisponi minn din l-ulterjuri eċċezzjoni;

Illi l-konvenut Nutar Borg Olivier eċċepixxa ulterjorment, mingħajr preġudizzju tal-eċċezzjonijiet preliminari u tal-meritu, li l-ewwel domanda tal-atturi hija ekwipollenti għal mandat u talba ta' żgumbrament ta' komproprjetarju, mentri konsorti "pro indiviso" ta' fond ma jistgħax jiġi żgumbrat mill-fond komuni;

Illi ma hemmx kwistjoni li legalment, bejn il-mandat tal-inibizzjoni u dak ta' żgumbrament hemm differenza kbira u markata. Meta l-Qorti tiġi msejħa biex tagħti regolament dwar id-dgawdija bejn il-konsorti ta' fond komuni, jekk din l-istess ħaġa minn natura tagħha tkun tippermetti l-individwalizzazzjoni kontemporanea tal-ambjenti li jikkomponuha skond ir-rispettivi kwoti tal-konsorti, tabilfors tkun trid teskludi l-konsorti mir-rispettivi vani jew ambjenti li jiġu assenjati lir-rispettivi konsorti; u jekk il-ħaġa komuni ma tipprestax ruħha, minħabba l-estensjoni tagħha fir-rispett tal-kwoti għal dik l-individwalizzazzjoni, u d-dritt rispettiv tal-konsorti jkun irid jiġi regolat biż-żmien tal-okkupazzjoni, minn dan il-fatt jitnissel naturalment u neċessarjament li d-dritt tal-konsorti għall-godiment ikollu jagħti lok għad-dritt tal-komunista l-ieħor għal ċertu żmien li jiġi kompensat awtomatikament meta ċ-ċedenti jiġi biex igawdi t-turn tiegħu. Dan il-"modus vivendi", impost mill-ħaġa komuni, ma jimpurtax li, meta ċ-ċedenti jkollu jħalli lill-konsorti l-oħra jgawdu l-ħaġa komuni, biex dawk li jgawdu alla loro volta, iċiedu biex igawdi dak li l-ewwel ikun ċeda, ikun hemm żgumbrament, anki jekk il-post irid jiġi mħolli liberu għall-fini fuq espress; iżda jimplika li kull konsorti jkun jista' jisserva skond id-dritt tiegħu mill-istess ħaġa komuni skond in-natura tagħha. Minn dan jitnissel li l-inibizzjoni temporanea ta' wieħed mill-konsorti illi juża l-fond kollu jew parti minnu, skond il-każ, ad eskluzjoni tal-konsorti l-oħra, mhuwiex, fil-ħsieb tal-Qorti, ekwipollenti għall-iżgumbrament tal-konsorti "pro indiviso" tal-

ħaġa komuni, anki jekk in apparenza jkun jidher superfiċjalment hekk, għalkemm legalment ma jkunx tali; u per konsegwenza, l-eċċezzjoni mogħtija ma tistgħax tiġi milqugħa bil-favur. Bl-ispejjeż ta' din l-eċċezzjoni a karigu taleċċipjenti Onor. Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier;

Ikkunsidrat;

Illi, qabel ma din il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċidi l-ewwel talba, huwa suġġeribbli li tiġi riżoluta t-tieni talba, li tista' tippre-eżisti indipendentement mill-oħra;

Illi m'hemmx kwistjoni li l-kontendenti li huma filkawża huma konsorti fil-fond in kwistjoni, u għandhom individwalment id-dritt li jisservew bil-ħaġa komuni, b'dan li jimpjegawha skond id-destinazzjoni fissata mill-użu, u ma jużawhiex kontra l-interess tal-komunjoni jew b'xi mod li jimpedixxi lill-konsorti l-oħra li jisservew minnha skond id-dritt tagħhom;

Illi d-dar in kwistjoni ġeneralment kienet tiġi wżata bħala residenza estiva miz-zijiet tal-kontendenti; u wara l-mewt tal-aħħar wieħed fosthom, fil-perijodu tas-sajf, il-partijiet, għal dawn l-aħħar sentejn, eskluż l-aħħar sajf, kienu jmorru jabitawha separatament u f'perijodi determinati bejniethom skond ftehim, u bl-intelliġenza li, jekk tinqala' xi okkażjoni ta' bejgħ jew lokazzjoni tajba, il-ftehim ma kellux jibqa' jseħħ. Fix-xitwa kienu jmorru, milli jidher, xi ġurnata fil-post, bla ebda ftehim bħal ma kien isir fis-sajf. Qabel Diċembru li għadda, il-kontendenti kienu qegħdin ifittxu xi kumpratur; u meta, għall-ħabta tax-xahar fuq imsemmi, sabu min jagħtihom is-somma ta' £4500, xi uħud mill-kontendenti (l-atturi u Mary Pace) ippretendew £5000. Ħut in-Nutar Borg Olivier, milli jidher, kienu disposti li jbiegħu b'£4500; u meta nfurmaw lin-Nutar, dan esprima ruħu għall-ewwel darba li b'dak il-prezz huwa kien dispost iżomm u jixtri l-porzjonijiet tagħhom indiviżi. Dr. Giuseppe Borg Olivier, għalkemm kien dispost jittrasferixxi

t-trediċeżimu tiegħu lill-ħuħ, eppure ma riedx jagħmel hekk b'kuntratt ta' vendita, imma b'kuntratt ta' permuta ma' beni oħra komuni u ndiviżi li kienu jinstabu Ħal Balzan; u wara ċerti dilungazzjonijiet, li solitament jinqalgħu f'operazzjonijiet bħal dawn, f'Diċembru sar il-konvenju bejn in-Nutar u ħutu. L-atti relattivi però saru fit-18 ta' Lulju 1957, u sa dik id-data ebdaranġament amikevoli ma sar dwar l-okkupazzjoni tad-dar fis-sajf, bħal ma kien soltu jsir qabel, għalkemm milli jidher kien mar hemm Edward Borg Olivier għal xi ġurnata, bil-kunsens espress żgur tan-Nutar, li taħ iċ-ċavetta tal-post;

Fl-istess dar kien hemm xi mobbli li għadhom ma nqasmux, u dwarhom qabel it-18 ta' Lulju 1957 kien ġie miftiehem li jinbiegħu; u n-Nutar Borg Olivier, li ġarr xi mobbli esklużivi tiegħu fil-fond, qal li kien qiegħed jibgħathom biex jinbiegħu, jekk mhux kollha x'uħud minnhom, akkont tiegħu; imma wara li sar il-kuntratt bejn it-tfal tal-Perit Oliviero Borg Olivier, l-istess Edward Borg Olivier waqqaf il-proċeduri għall-bejgħ tal-mobbli;

Fit-22 ta' Lulju 1957 in-Nutar, li allura kellu taħt idejh iċ-ċavetta tal-post, mar joqgħod fid-dar in kwistjoni, u ppretenda li huwa kellu d-dritt jokkupa l-post b'kera, l-għaliex kien akkwista s-sehem ta' ħutu u b'hekk ġie jippossjedi ndiviżament tmienja minn tliettax il-parti tal-post. L-atturi, mill-parti tagħhom, ippretendew illi, ladarba d-dar kienet għadha "in comunione", huma kellhom, bħal snin oħra qabel, id-dritt li jitilgħu fiha fis-sajf għal ċertu żmien, u fix-xitwa bħal ma kien isir qabel; imma milli jidher, in-Nutar Borg Olivier kien jallega li huwa kellu d-dritt jiddetjeni ad esklużività tal-oħrajn il-fond, l-għaliex, oltre l-maġġuranza tal-kwoti, kellu, jew ippretenda li kellu, id-dritt ta' preferenza bħala detentur, meta ma kienetx l-istess dar qatt ġiet offerta mill-komunisti lit-terzi għal xi lokazzjoni. Fuq dan li ntqal bdew il-proċeduri, u tnisslet il-kawża preżenti u l-kawża l-oħra;

Ikkunsidrat;

Illi mid-deskrizzjoni li għamel in-Nutar Borg Olivier dar qatt ġiet oqerta mill-komusnisti lit-tezi għal xi lokaztensjoni skond ir-rispettivi kwoti tal-konsorti, mhix materjalment possibbli; u del resto kienet tkun indubbjament fonti ta' litiġi u kwereli kontinwi, stanti l-animi eċċitati tal-prinċipali parteċipanti f'din il-kawża. L-unika soluzzjoni għall-aħjar godiment tal-fond għall-finijiet tas-servizz talħaġa komuni skond id-dritt rispettiv tal-kontendenti, hija dik tal-assenjazzjoni tal-istess ħaġa biż-żmien;

Illi, peress li d-domanda l-aħħar imsemmija hija estensiva, u mhix limitattiva għas-sajf biss, din il-Qorti sejra tipprovdiha kif inhija magħmula għall-perijodu kollu tassena jew żmien, u sakemm ċertament il-ħaġa in kwistjoni tibqa' ndiviża bejn l-istess kontendenti;

Illi, peress li mill-21 ta' Gunju 1957 sal-21 ta' Lulju 1957 ħadd ma avanza ebda drittijiet, il-perijodu sejjer jiġi kalkulat mit-22 ta' Lulju 1957, ġurnata li fiha l-konvenut Nutar Borg Olivier **okkupa l-fond;**

Illi l-kwoti li fuqhom sejjer jiġi kalkulat il-godiment huwa 8/13 lin-Nutar Borg Olivier, u 1/13 kull wieħed u waħda l-kwoti tal-atturi u l-konvenuta Pace, li flimkien jagħmlu 5/13;

Illi kull 52 ġurnata tal-kalendarju l-konvenut Nutar Borg Olivier imissu 32 ġurnata, mentri l-oħrajn flimkien imisshom 20 ġurnata, u ċjoè erbgħa tijiem kull wieħed;

Illi n-Nutar Borg Olivier, mit-22 ta' Lulju sal-lum, għamel 53 ġurnata kontinwati, b'mod li mill-ewwel perijodu ta' 52 ġurnata, li jiskadu fil-11 ta' Settembru li aħna fih, ħa 20 ġurnata aktar, u mit-tieni perijodu ta' 52 ġurnata ħa l-ġurnata tal-lum; kosikkè minn dan il-perijodu l-ewwel

wieħed li jmissu f'lok jagħmel 32 ġurnata, jagħmel 11 il-ġurnata biss, sabiex ikun hemm ugwaljanza bejn il-partijiet;

Illi, peress li n-Nutar Borg Olivier ħa l-ewwel perijodu kollu, minn għadha għandhom jibdew il-perijodu ta' erbgħa tijiem kull wieħed ta' Edward Borg Olivier proprio u għan-nom ta' Joseph Borg Olivier, ħuh, jekk dan jagħtieh li jgawdi flokú, Arthur Borg Olivier proprio u għan-nom tan-neputijiet Cocola u Gargiulo, jekk ikun awtorizzat, u fl-aħħarnett ta' Mary Pace; u wara li jispiċċaw il-perijodu tagħhom jerġa jidħol fid-dritt in-Nutar Borg Olivier għall-ewwel darba għal 11 il-ġurnata, peress li diġa' għamel 21 ġurnata aktar mit-22 ta' Lulju 1957; u in segwitu, wara li jiskadi dak it-terminu, jerġgħu l-partijiet jissussegwu lil xulxin u skond il-perijodi tagħhom fuq fissati, u jibqgħu jsegwu dan l-ordni, jekk ma jitthemux bejniethom li xi wieħed jew waħda jmorru flok il-perijodu tal-ieħor.

Illi dwar l-amministrazzjoni ma jidherx li hemm bżonn ebda provvediment ta' xi amministratur, biex ma jiġux aggravati l-partijiet, u l-għaliex il-kompartecipanti in forza tad-dritt ta' proprjetarji kollha għandhom id-dritt li jamministraw bla dannu tal-komunjoni;

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-ewwel talba jingħad li din il-Qorti taqbel li l-mandat għandu jiġi konfermat, biss limitatament għad-dritt li l-kondomini għandhom li jmorru jokkupaw il-fond "de quo" skond id-dritt tagħhom, u li, meta l-liġi tgħid fl-art. 876(1) Kap. 15 "jew li jżomm persuna milli tidħol fil-fond", ma tfisserx li dak l-istess mandat ma jistgħax isir anki meta bniedem ikun qiegħed jokkupa l-fond, kif jidher mis-sentenza tal-Appell tad-29 ta' Jannar 1912 in re "Frendo Azzopardi nomine vs. Agius"; minn fejn jidher li seta' jiġi maħruġ mandat ta' inibizzjoni kontra min kien qiegħed jokkupa fond. Apparti dan fl-istess artikolu fuq ċitat, il-mandat seta' joħroġ l-għaliex bl-aġir tan-Nutar Borg Olivier

kienet qegħedha ssir kommorazzjoni esklużiva bi ħsara lill-atturi, konsorti fil-fond;

Illi, però, din il-Qorti ma tħossiex li tista' tikkonferma l-mandat għar-raġuni l-oħra msemmija fid-digriet; l-għaliex il-kompossessur dejjem għandu d-dritt jikri l-ħaġa soġġetta għall-kumpussess, jew bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, jew anki mingħajr dik l-awtorizzazzjoni, bla kunsens ta' xi wieħed mill-komproprjetarji, b'dan li f'din l-aħħar ipotesi l-kompossessuri jistgħu per mezz ta' ċitazzjoni jitolbu l-annullament tagħha, purkè jippromwovu l-kawża fi żmien xahrejn "a due scientiae"; dak li juri li l-lokazzjoni tkun tista' ssir;

Illi kwindi anki l-ewwel talba tiġi milqugħa, limitatament kif fuq intqal, u b'dan il-mod il-mandat imsemmi jsir b'hekk eżekuttiv, u għandu jkollu effett taħt il-komminazzjonijiet tad-disprezz tal-awtorità tal-Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna, bl-ispejjeż kif fil-korp ta' din is-sentenza diġà ampjament intqal;

Tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti kollha karra minn Nutar Borg Olivier u Mary Pace, dwar li qalu li ma għandhomx interess fil-kawża; bl -ispejjeż kif fuq regolati;

Tiddikjara li dwar il-mobbli komuni li jinsabu fil-post l-istess mhumiex imdaħħla fil-kawża, u konsegwentement tiċħad kwalunkwe eċċezzjoni in meritu; bl-ispejjeż kif fuq regolati;

Tiċħad l-eċċezzjoni tan-Nutar Borg Olivier dwar l-ekwipollenza tal-mandat ta' inibizzjoni u l-mandat ta' żgumbrament; bl-ispejjeż kif fuq regolati;

Tipprovdi dwar l-aħjar godiment tal-fond u r-ripartiz-

zjoni rispettiva tal-godiment kif fuq ġie deċiż; mentri dwar l-amministrazzjoni tiddikjara li ma hemmx lok ta' ebda provvediment, l-għaliex il-kontendenti huma l-amministraturi naturali tal-ħaġa tagħhom u għar-raġunijiet fuq esposti. L-ispejjeż ta' din id-domanda jitħallsu skond ir-rispettivi kwoti tal-kontendenti kollha, b'dan li l-aħwa Borg Olivier ulied Oliviero, barra minn Nutar, ikollhom ir-rivalsa tal-kwota tagħhom minn għand l-Onor. Nutar Dr. Borg Olivier;

U fl-aħħarnett tikkonferma l-mandat tal-inibizzjoni nru. 243/1957, limitatament biss għar-raġuni li l-atturi għandhom id-dritt jokkupaw id-dar in kwistjoni skond ir-rispettivi kwoti tagħhom; bl-ispejjeż ta' din it-talba nofs għall-atturi u nofs għall-konvenut Nutar Borg Olivier.